**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 11 ta' Frar, 2020

Rikors Numru: 143/19 AL

**AB**

**Vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġurament mir-rikorrent li permezz tieghu ippremetta:

Illi l-partijiet izzewwgu fit-tmienja (8) ta' Frar tas-sena elf disa mija u tnejn u disghin (1992) liema ċertifikat taż-żwieġ hu hawn anness bħala Dok. "SZ1";

Illi minn dan iż-żwieġ il-partijiet kellom tlett (3) itfal u ċioe X li għandu tlieta u għoxrin (23) sena, M li għandha tmintax (18) il sena, it-tnejn maġġorenni u J li għandha ħmistax (15) -il sena.

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Jonathan Zammit tat-tmienja (8) ta' Novembru tas-sena

elfejn u ħamsa (2005) wara l-awtorizazzjoni tal-Qorti tal-Familja datata ħdax (11 ta' Ottubru elfejn u ħamsa (2005) liema kuntratt huwa hawn anness bħala Dok "SZ2";

Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għar-rikonċiljazzjoni bejnithom stante illi minbarra illi ilhom snin twal mifrudin, illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;

Illi il-kundizzjonijiet kollha li kienu miftehmin u mnizzla fil-kuntratt ta' separazzjoni fuq imsemmi injkluż l-obbligu tal-ħlas tal-manteniment qegħdin jiu rispetati miż-żewġ partijiet;

Illi dawn il-fatti kif hawn fuq elenkati u kkonfermati fl-affidavit tal-esponenti, liema affidavit qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat Dok. "SZ3" jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għal-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'għandhiex :

1. Tiddikjara l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;
2. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex fi zmien li din l-Qorti jogħġobha tistabilixxi, jirreġistra d-divorzju fir-Registru Pubbliku

Rat ir-risposta li giet ikkonfermata bil-ġurament mill-intimat li permezz tagħha esponiet:

1. Illi, l-esponenti qed topponi ghad-divorzju f'dan l-istadju u dan peress li l-wild ma humiex qed jircievu manteniment adegwat skont ic-cirkostanzi partikolari taghhom;
2. Illi wahda mit-tfal tal-partijiet Marija ghandha dizabilita fizika u intelletwali u l-kuntratt ta' separazzjoni ffirmat bejn il-partijiet fis-sena 2005 ma jipprovdix ghal manteniment skont il-ligi vigenti a tenur tal-artikolu 3B(2)(b) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Illi f'dak li jirrigwarda z-zewgt itfal l-ohra tal-partijiet Brandon ghandu 24 sena u ghadu jistudja fuq bazi full-time u Jackie (14 -il sena)  ghadha tattendi l-iskola sekondarja. Il-kuntratt ta' separazzjoni ma jipprovdix ghall-manteniment ghal ulied fl-eventwalita` li jibqghu jistudjaw fuq bazi full-time kif provdut fl-artikolu 3B(2)(a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Salv ecezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-3 ta' April, 2019;

Rat ir-risposta tal-intimata;

Rat l-atti kollha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi waqt is-seduta tal-4 ta' Frar, 2020 l-intimata rtirat l-opposizzjoni tagħha ghat-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li l-intimata talbet sabiex tirriverti għal kunjom xbubitha u cioe` "Farrugia" u l-Qorti qegħda tilqa` din it-talba u tordna notifika ta' dan id-digriet lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għall-azzjoni meħtieġa;

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mit-8 ta' Novembru 2005;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża

lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti takkorcja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.